# Proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-logħob tal-YFA

Kull nursery u venue għandhom jassiguraw li jsegwu l-miżuri u l-linji gwida maħruġa mill-MFA speċifikament għal Amateur & Grassroots.

Għal fini ta' proċedura u biex il-proċess ikun spjegat sew kull persuna involuta / bi rwol fil-logħob tal-YFA għandha ssegwi u taderixxi ma' dawn il-proċeduri.

Kull nursery għandha tkun responsabbli għall-azzjonijiet tagħha u għal għemil tat-tim u l-persuni li qed jirrappreżentawha waqt il-logħob.

In-Nurseries u l-Ground Management Boards huma fl-obbligu li jużaw dawn il-linji gwida, proċeduri u protokol uffiċjali maħruġ mill-MFA mingħajr ebda riżerva f'kull ħin.

**Proċedura:**

1. Tim għandu jasal fuq il-premises 45 minuta qabel il-bidu tal-partita.

2. Il-logħob ser jintlagħab bil-bibien magħluqa u għalhekk spettaturi / ġenituri mhux ser jitħallew jidħlu fil-premises biex isegwu l-logħob. Ġenituri huma obbligati li jkunu responsabbli li jsegwu d-distanza soċjali fil-perimetru tal-premises fuq in-naħa ta' barra.

3. Mal-bieb/grada tal-ground għandu jkun hemm persuna li tirregola l-aċċess għall-venue u għandu jassigura li d-dħul u l-ħruġ ikun imqassam b'tali mod li ma jkunx hemm crowding fi spazji żgħar. Il-persuni li għandhom jitħallew jidħlu huma kif imniżżel f'din il-lista u l-aċċess permess.

| **Persuni li jistgħu jidħlu** | **Aċċess permess** |
|---|---|
| Il-plejers, il-coaches u l-uffiċċjali mniżżla fuq il-lineup tal-COMET | Ground Restricted Area |
| L-uffiċċjali tal-partita (referees) | Ground Restricted Area |

| | |
|---|---|
| | |
| Ground Inspector | Ground Restricted Area |
| Paramedic | Ground Restricted Area |
| Photographer uffiċċjali tal-YFA | Ground Restricted Area |
| Kunsill YFA<br>*Għandhom jippreżentaw mezz ta' identifikazzjoni (ID Card) biex ikunu jistgħu jidħlu.* | Stands biss |
| Mhux aktar minn ħames (5) membri tal-kumitat tat-tim li jkun qed jilgħab u li jkun qed jidher fuq il-lista uffiċċjali tal-YFA.<br>*Għandhom jippreżentaw mezz ta' identifikazzjoni (ID Card) biex ikunu jistgħu jidħlu.* | Stands biss |
| Żewġ coaches miċ-Ċentru Tekniku | Stands biss |
| Referee Observer | Stands biss |

4. Kull persuna li tidħol fil-premises għandu jilbes maskra/visor. F'dan in-nuqqas persuna tista' titkeċċa minn fuq il-post.

5. Malli jasal it-tim għandhom jiġu preżentati l-lineups printjati immedjatament. Waħda minnhom għandha tingħata lil Paramedic li ser jieħu t-temperatura ta' kull persuna fuq il-lineup. L-Uffiċċjal/delegat tal-klabb għandu jiffaċilita l-affarijiet billi l-plejers ikunu mpoġġijin ringiela wara xulxin b'distanza soċjali skont il-lineup sabiex tittieħed it-temperatura u titniżżel ħdejn kull isem fuq il-lineup. Din għandha tkun preżentata mar-rapport tal-Ground Inspector.

6. Il-persuna mqabbda mill-Ground Management Board biex tirregola l-aċċess għall-venue għandha tieħu t-temperatura tal-persuni l-oħra mniżżla fuq il-lista hawn fuq qabel tingħata aċċess biex tidħol fil-premises. Persuni b'sintomi jew temperatura aktar minn 37.2C ma jitħallewx jidħlu. Dan il-persuna għandu jieħu ħsieb li jniżżel lista ta' dawn in-nies li jidħlu inkluż l-isem, kunjom, ID card no, u numru tal-mobile. Qabel jidħlu fil-premises, il-persuni għandhom jużaw il-hand sanitizer provdut mill-Ground Management Board.

7. Kull tim għandu jieħu ħsieb li jkollu biro tiegħu u hand sanitizer tiegħu li għandu jintuża mad-dħul fil-premises.

8. Iż-żona tal-istands għandha tkun organizzata b'tali mod li tinżamm is-social distance. Kulmin ikun qiegħed f'din iż-żona għandu jilbes maskra/visor.

9. Dressing rooms għat-timijiet għandhom jinżammu magħluqin. Faċilitajiet ta' toilet għandhom jinżammu miftuħin u jkun assigurat li l-handles u l-flushing ikunu diżinfettati regolarment.

10. Dħul fil-pitch (GRA): L-ewwel tim li jkun preżenti għandu jidħol fil-pitch, bit-tieni tim jidħol warajh sabiex ikun assigurat li ma jkunx hemm crowding.

11. Kull tim għandu jassigura li jkollu sett blalen li huma fit for play u li jkunu sanitizzati. Malli t-tim jidħol fil-GRA għandu jipprovdi żewġ (2) blalen lil persuni inkarigati mis-sanitizzar, sabiex dawn jiġu sanitizzati bi preparazzjoni għal-logħba.

12. Fuq il-bank tas-sostituti wieħed għandu jżomm distanza soċjali bejn persuna u oħra. Kull plejer għandu jkollu bib tiegħu kif ukoll flixkun personali b'tabella bl-isem tal-plejer fuqu.

13. Fi tmiem il-partita għandu l-ewwel għandu joħroġ l-Away Team, segwit mill-Home Team sabiex ikun assigurat li ma jkunx hemm crowding.

14. Qabel u wara l-partita, għandu jsir id-diżinfettar meħtieġ  li jinkludi  bankijiet tas-sostituti, blalen, goal posts, handles u t-toilets.  Il-YFA ser tħallas għal dan is-servizz permezz ta' kumpanija privata f'kull ground li jintlgħab il-logħob fih tal-YFA.  Il-kimika / proċess li ser jintuża huwa ċċertikat skont il-linji gwida tal-ISO u l-persuna li ser tkun qed tiddiżinfetta ser tkun identifikata permezz ta' uniformi, tilbes maskla u ser tuża cleaning kit (ingwanti, fardal) disposable.

15. F'każ ta' diffikulta proċedurali wieħed jista' jikkuntattja lil Joe Micallef (99471496), Stephanie Rocco (99336585), Alex Pace (79618614) jew Stewart Said (79090108).

---

*Final and approved by YFA Council on 28/09/2020*